A.L. 21 ta' l-2006

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni ta' l-2006 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2006 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet).

Trasferiment lura ta' drittijiet u responsabbiltajiet.

A.L. 73 ta' l-1992.

2. Id-drittijiet u responsabbiltajiet vestiti fil-Malta Industrial Parks Limited (C28965) fir-rigward ta' l-art imsemmija f'paragrafu (6) ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordni ta' l-1992 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) huma b'dan trasferiti lura lill-Kummissarju ta' l-Artijiet għar-rigward tal-biċċa art fil-Marsa flimkien mal-bini hemmhekk mibni, li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta PD_2005_357. Din il-pjanta PD_2005_357 hija transunta fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli permezz ta' kuntratt datat 21 ta' Ottubru, 2005.